IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.5.2024
COM(2024) 196 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## rigward it-tħaddim tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, u rigward id-Direttiva dwar l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet fil-kuntest tar-rendikont globali

## 1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)[1] jistabbilixxi l-qafas għall-kisba tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha. Jistabbilixxi l-mira legalment vinkolanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sa mhux aktar tard mill-2050, u l-mira intermedja li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Jirrikjedi wkoll li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jiżguraw progress kontinwu fl-adattament. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima daħlet fis-seħħ f'Lulju 2021.

Ir-Regolament (UE) 2018/842 (ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi)[2] jistabbilixxi mira nazzjonali għal kull Stat Membru, għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-2005, fis-setturi li ġejjin: it-trasport domestiku (minbarra l-avjazzjoni), il-bini, l-agrikoltura, l-industrija żgħira u l-iskart. Inizjalment adottat fl-2018, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi ġie rivedut fl-2023 bħala parti minn pakkett immirat lejn it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti tal-Unjoni b'55 % sal-2030 (il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %").

Id-Direttiva 2003/87/KE (id-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet)[3] tistabbilixxi l-iskema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS). L-ETS tal-Unjoni hija pedament tal-politika tal-Unjoni għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tkompli tillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi tal-enerġija, tal-manifattura u tal-avjazzjoni, filwaqt li tipprovdi sinjal tal-prezz li jinċentiva l-innovazzjoni u t-tnaqqis fl-emissjonijiet. Id-Direttiva dwar l-ETS ġiet rieżaminata fl-2023 biex tiġi allinjata mal-ambizzjoni klimatika l-ġdida li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti tal-Unjoni jitnaqqsu b'55 % sal-2030. Id-Direttiva riveduta dwar l-ETS testendi gradwalment l-ipprezzar tal-karbonju għal setturi ġodda tal-ekonomija biex tappoġġja t-tnaqqis fl-emissjonijiet tagħhom, b'mod partikolari l-fjuwils tat-trasport bit-triq u tat-tisħin, u t-trasport marittimu.

Dan ir-rapport iwieġeb għall-obbligi stabbiliti għall-Kummissjoni fl-Artikolu 11 tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u fl-Artikolu 30(3) tad-Direttiva dwar l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet jirrikjedu li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi rispettivament, u fir-rigward tad-Direttiva dwar l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest ta' kull rendikont globali maqbul skont il-Ftehim ta' Pariġi.

Minbarra dan ir-rapport, il-Kummissjoni se tħejji wkoll rapport dwar it-tħaddim tar-Regolament (UE) 2018/841 (ir-Regolament dwar l-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) f'konformità mal-obbligi stabbiliti f'dak ir-Regolament[4]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tħejji rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ir-Regolament dwar il-Governanza)[5] biex tinformahom dwar it-

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26.

[3] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

[4] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, l-Artikolu 17(2).

[5] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, ĠU L 328, 21.12.2018, l-Artikolu 45.

tħaddim tar-Regolament u l-kontribut tiegħu għall-Unjoni tal-Enerġija u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

L-ewwel rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi ġie konkluż fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fi tmiem l-2023 (COP28). Ir-rendikont globali sab li l-partijiet qed jistabbilixxu politiki dwar il-klima dejjem aktar effettivi, iżda li meħtieġa azzjoni addizzjonali urġenti biex id-dinja titqiegħed fit-triq it-tajba ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-partijiet qablu li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C teħtieġ tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra bi 43 % sal-2030, u b'60 % sal-2035 meta mqabbla mal-livelli tal-2019 u l-ilħuq ta' emissjonijiet żero netti ta' $CO_2$ globalment sal-2050. Ir-rendikont globali enfasizza li l-era tal-fjuwils fossili għandha tasal fi tmiemha, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li kulħadd jitbiegħed mill-fjuwils fossili. Il-Ftehim jappella wkoll lill-partijiet biex jittripplaw il-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli u jirduppjaw ir-rata ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, ħalli jaċċelleraw l-isforzi globalment lejn sistemi tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti, bl-użu ta' fjuwils b'emissjonijiet żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ferm qabel jew sa madwar nofs is-seklu. Barra minn hekk, huwa jissottolinja l-importanza ta' tranżizzjoni ġusta u jilqa' d-deċiżjoni dwar Programm ta' Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta. Jappella wkoll għall-aċċellerazzjoni tal-isforzi biex jitnaqqsu gradwalment il-faħam mingħajr qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, l-indirizzar tal-metan u emissjonijiet oħra mhux tas-$CO_2$ f'dan id-deċennju, u jitwaqqfu b'mod gradwali mill-aktar fis possibbli s-sussidji fuq il-fjuwils fossili ineffiċjenti li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew gruppi vulnerabbli. Dan jeħtieġ bidla fix-xejriet tal-investiment madwar id-dinja biex jiġi żgurat li l-flussi finanzjarji jkunu konsistenti ma' perkorsi ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

## 2. It-tħaddim tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima

### Lejn in-newtralità klimatika

Il-Kummissjoni vvalutat il-progress kollettiv li sar mill-Istati Membri kollha lejn il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika u l-konsistenza tal-miżuri nazzjonali mal-objettiv tan-newtralità klimatika, kif meħtieġ skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, fir-Rapport ta' Progress tagħha tal-2023 dwar l-Azzjoni Klimatika[6]. L-ewwel valutazzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima twettqet flimkien mal-valutazzjoni tal-progress lejn il-miri klimatiċi previsti fir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika. Għalkemm l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE qed ikomplu jonqsu u hemm sinjali inkoraġġanti ta' azzjoni fil-prattika, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija li hemm bżonn li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-isforzi ta' implimentazzjoni u li jiġi aċċellerat it-tnaqqis fl-emissjonijiet biex nibqgħu fit-triq it-tajba ħalli tintlaħaq il-mira tal-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050. L-azzjoni hija l-aktar meħtieġa f'oqsma li għadhom jeħtieġu tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet (eż. il-bini, it-trasport), fejn il-progress huwa kajman (eż. l-agrikoltura), jew fejn f'dawn l-aħħar snin, kien hemm xejra ta' deterjorament, kif inhu l-każ għall-bir tal-karbonju (eż. l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art, u l-forestrija). L-Istati Membri jridu jaċċelleraw ukoll l-azzjoni biex itemmu s-sussidji fuq il-fjuwils fossili[7], kif ġie kkonfermat ukoll fl-analiżi tal-Kummissjoni tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali aġġornati għall-enerġija u l-klima[8]. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Liġi dwar il-Klima, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri f'Diċembru 2023.[9] Il-pass li jmiss huwa li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif biħsiebhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet.

---

[6] Ir-Rapport tal-2023 dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika fl-UE, COM(2023) 653.

[7] Ir-Rapport tal-2023 dwar is-Sussidji għall-Enerġija fl-UE, anness mar-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, COM(2023) 651.

[8] Valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-abbozz tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima aġġornati, Pass importanti lejn l-objettivi aktar ambizzjużi għall-2030 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pjan REPowerEU, COM(2023) 796.

[9] F'konformità mal-Artikolu 7(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Il-Kummissjoni rrieżaminat ukoll il-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni mal-objettiv tan-newtralità klimatika, fir-Rapport tal-2023 dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika. Il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" iwitti t-triq lill-Unjoni biex tilħaq il-miri klimatiċi tagħha b'mod ġust, kosteffettiv u kompetittiv. Bil-biċċa l-kbira tal-proposti ewlenin tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" adottati mill-koleġiżlaturi[10], il-politiki tal-Unjoni issa huma allinjati mal-mira aġġornata għall-2030 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG) b'mill-inqas 55 % stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, iżda hemm lok biex tkompli tittejjeb il-konsistenza tal-politiki tal-Unjoni mal-objettivi klimatiċi. Fl-2022 u l-2023, il-Kummissjoni għamlet proposti addizzjonali li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni[11]. Kif iddikjarat fir-Rapport dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika, minkejja l-progress li sar fil-finanzjament ekoloġiku minn sorsi privati, meħtieġ investiment addizzjonali sinifikanti biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jeħtieġ azzjoni, b'mod partikolari biex il-finanzjament jiġi ridirett ħalli tkun possibbli t-tranżizzjoni ta' attivitajiet u setturi ta' ħsara sinifikanti lejn mudelli ekonomiċi aktar sostenibbli.

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima adotta rapport li fih jivvaluta l-progress u l-konsistenza tal-politika[12], kif spjegat aktar hawn taħt.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tipprevedi mira intermedja li għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara r-rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi. Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040[13], li tistabbilixxi perkors mill-mira intermedja għall-2030 li diġà ntlaħaq qbil dwarha għan-newtralità klimatika sal-2050. F'konformità mal-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima[14] u abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata, il-Komunikazzjoni tippreżenta tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 bħala l-mira rakkomandata għall-2040. Din il-mira tikkorrispondi għal baġit ġenerali għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-UE konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima biex jiġi ppreżentat baġit indikattiv projettat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030–2050, definit bħala l-volum totali indikattiv tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti li mistennija jiġu emessi f'dak il-perjodu mingħajr ma jitqiegħdu f'riskju l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-kisba tal-mira se teħtieġ għadd ta' kundizzjonijiet abilitanti, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni. Il-Komunikazzjoni tibda d-dibattitu politiku u tinforma t-tħejjija tal-qafas għal wara l-2030. Hija l-bidu ta' djalogu u sensibilizzazzjoni estensiva dwar il-perkors it-tajjeb għall-2040 u għan-newtralità klimatika sal-2050. Dan se jinforma lill-Kummissjoni li jmiss bil-ħsieb li tagħmel il-proposta leġiżlattiva biex tinkludi l-mira tal-2040 fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u tfassal il-qafas xieraq għal wara l-2030.

Il-Kummissjoni adottat ukoll rapport dwar il-baġit indikattiv projettat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030–2050[15], kif meħtieġ mill-Artikolu 4(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

**L-adattament għat-tibdil fil-klima**

[10] Il-proċedura leġiżlattiva għadha għaddejja għad-direttiva riveduta proposta dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija.

[11] Ara l-Kapitolu 2 tal-informazzjoni teknika li takkumpanja r-Rapport tal-2023 dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika (COM(2023) 653) għal ħarsa ġenerali lejn il-politika adottata reċentement li tikkontribwixxi għall-allinjament tal-politiki fil-livell tal-UE mal-objettivi klimatiċi.

[12] Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Towards EU climate neutrality, Progress, policy gaps and opportunities, Assessment Report 2024, DOI: 10.2800/216446.

[13] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Niżguraw il-futur tagħna, Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta, COM(2024) 63.

[14] Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Scientific advice for the determination of an EU-wide 2040 climate target and a greenhouse gas budget for 2030–2050. DOI: 10.2800/609405.

[15] SWD (2024) 63, Ir-Rapport ta' Valutazzjoni tal-Impatt, Anness 14: Il-baġit tal-gassijiet serra.

Fir-Rapport tal-2023 dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika u f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal separat dwar il-progress nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-adattament[16], il-Kummissjoni vvalutat il-progress kollettiv li sar mill-Istati Membri kollha dwar l-adattament, il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali fl-iżgurar tal-progress fl-adattament, u l-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni mal-iżgurar tal-progress fl-adattament. L-Unjoni għamlet progress kbir fl-adattament għat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Istrateġija ta' Adattament tal-UE[17]. Madankollu, il-progress ma kienx uniformi fl-oqsma kollha. Il-valutazzjoni tal-progress dwar l-adattament fil-livell nazzjonali turi li l-Istati Membri jeħtieġ li jieħdu ferm aktar azzjoni biex jadattaw għat-tibdil fil-klima – pereżempju, dwar il-governanza, il-finanzjament, il-valutazzjonijiet tar-riskju, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, kif ukoll il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni sabiex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet soċjali u ekonomiċi tagħhom għar-riskji relatati mal-klima li qed jintensifikaw. Abbażi tal-valutazzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri f'Diċembru 2023. L-Istati Membri għandhom isegwu r-rakkomandazzjonijiet[18] u bħala l-ewwel pass, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kif biħsiebhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024 dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi – il-protezzjoni tan-nies u l-prosperità[19], kif appoġġjata mill-Valutazzjoni Ewropea tar-Riskju Klimatiku[20] mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tistabbilixxi l-passi ewlenin biex jiġi żgurat li minkejja r-riskji klimatiċi li sejrin għall-agħar, iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jiddependu fuq l-UE u l-Istati Membri biex iżommu l-funzjonijiet tas-soċjetà u l-aċċess għas-servizzi bażiċi. Tfittex li tiċċara r-responsabbiltà għat-teħid ta' azzjoni dwar l-għażliet diffiċli li ġejjin, infurmata mill-aħjar evidenza. Din turi kif l-UE tista' tikseb b'mod effettiv l-impatti klimatiċi fis-snin li ġejjin u kif l-azzjoni dwar ir-reżiljenza tagħmel il-kisba ta' objettivi oħra ta' politika orħos u aktar faċli.

Barra minn hekk, u kif propost mill-Istrateġija ta' Adattament tal-UE, f'Marzu 2021 il-Kummissjoni nediet l-Osservatorju Ewropew dwar il-Klima u s-Saħħa. Dan huwa sħubija interdixxiplinari unika li tappoġġja l-kondiviżjoni tal-għarfien, tipprovdi aċċess għal informazzjoni u għodod rilevanti, u tipprovdi taħriġ u bini tal-kapaċità fl-oqsma tal-klima u s-saħħa. L-azzjonijiet tiegħu jindirizzaw is-sejħa tal-Parlament Ewropew biex jiġi indirizzat it-theddid għas-saħħa pubblika relatat mal-klima[21], l-objettivi u l-impenji fformulati fid-Dikjarazzjoni tas-Seba' Konferenza Ministerjali dwar l-Ambjent u s-Saħħa[22], u d-Dikjarazzjoni tal-Emirati Għarab Magħquda tal-COP28 dwar il-klima u s-saħħa, li l-Kummissjoni approvat f'isem l-UE[23].

Sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[24], imfassla biex taċċellera l-azzjoni ta' adattament innovattiva fil-livelli lokali u reġjonali. Aktar minn 300 reġjun u komunità, li jkopru madwar 40 % tal-UE, impenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jaċċelleraw it-trasformazzjoni għar-reżiljenza għall-klima billi ffirmaw il-Karta tal-Missjoni. Il-

[16] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Valutazzjoni tal-progress dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Istati Membri individwali skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, SWD(2023) 932.
[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021) 82.
[18] F'konformità mal-Artikolu 7(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.
[19] COM(2024) 91
[20] EEA (2024), European Climate Risk Assessment, ISSN 1977-8449. https://www.eea.europa.eu/publications/european-climate-risk-assessment
[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (2022/2829(RSP)
[22] https://www.who.int/europe/publications/i/item/EURO-Budapest2023-6
[23] https://www.cop28.com/en/cop28-uae-declaration-on-climate-and-health
[24] https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/eu-missions-horizon-europe/adaptation-climate-change_en

pjattaforma għall-Implimentazzjoni tal-Missjoni[25], li ilha topera mir-rebbiegħa tal-2023, qed ixxerred l-għarfien dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u tipprovdi faċilità ta' appoġġ tekniku filwaqt li l-Komunità ta' Prattika ta' Adattament toffri opportunitajiet multipli ta' bini ta' kapaċità u networking. L-ewwel proġetti ffinanzjati mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa bdew f'Jannar 2023, li jgħinu lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà klimatiċi u juru soluzzjonijiet ta' adattament trasformattivi.

F'Settembru 2021, il-Kummissjoni adottat gwida dwar il-verifika tar-reżistenza klimatika[26]. Din il-gwida tappoġġja l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet klimatiċi fl-investiment futur u fl-iżvilupp ta' proġetti infrastrutturali. Il-gwida tgħin lill-investituri jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar proġetti meqjusa kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni.

F'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat "Linji Gwida dwar l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament tal-Istati Membri"[27] biex tassisti lill-Istati Membri fl-aġġornament u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji, pjanijiet u politiki komprensivi nazzjonali ta' adattament f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament. Il-Kummissjoni tfittex li tappoġġja lill-Istati Membri biex jadottaw approċċ ta' gvern sħiħ għat-tfassil tal-politika dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' koordinazzjoni u integrazzjoni f'diversi livelli. Il-linji gwida jitolbu l-applikazzjoni ta' oqfsa legali minflok politiki mhux vinkolanti, l-aġġornament regolari tal-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament, l-applikazzjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet kollha ta' adattament. Il-linji gwida ressqu wkoll suġġetti li jeħtieġ li jitqiesu bħal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u reżiljenza ġusta.

**Parir xjentifiku dwar it-tibdil fil-klima**

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima pprevediet l-istabbiliment ta' Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, permezz tal-emenda tar-Regolament (KE) Nru 401/2009[28]. Il-Bord Konsultattiv inħatar fl-2022 biex jipprovdi parir xjentifiku indipendenti dwar il-miżuri tal-Unjoni u l-miri klimatiċi, bis-Segretarjat tiegħu ospitat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Il-Bord Konsultattiv ipprovda parir xjentifiku għad-determinazzjoni ta' mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 u baġit għall-gassijiet serra għall-2030–2050[29], u adotta diversi rapporti oħra minn mindu ġie stabbilit. Il-Kummissjoni qieset kif xieraq il-parir tal-Bord Konsultattiv meta ppreżentat il-mira klimatika rakkomandata tal-Unjoni għall-2040.

Fir-rapport tiegħu "Towards EU climate-neutrality: progress, policy gaps and opportunities"[30], il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (il-Bord Konsultattiv) sab li huma meħtieġa aktar sforzi fis-setturi kollha biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni mill-2030 sal-2050, u b'mod partikolari fil-bini, it-trasport, l-agrikoltura u l-forestrija. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-UE u jappella għall-implimentazzjoni sħiħa u rapida tiegħu, iżda jwissi li huma imperattivi miżuri addizzjonali jekk l-UE trid tilħaq l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika. Il-Bord Konsultattiv jirrakkomanda sensiela ta' azzjonijiet biex l-UE

[25] https://climate-adapt.eea.europa.eu/en/mission
[26] L-Avviż tal-Kummissjoni li jagħti gwida teknika dwar il-verifika tar-reżistenza klimatika tal-infrastruttura fil-perjodu 2021–2027 (2021/C 373/01, ĠU C 373, 16.9.2021, p. 1), li jimplimenta l-Artikolu 5(5) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.
[27] L-Avviż tal-Kummissjoni, Linji Gwida dwar l-istrateġiji u l-pjanijiet tal-adattament tal-Istati Membri, C/2023/4802, ĠU C 264, 27.7.2023, p. 1–31.
[28] Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent, ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.
[29] Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Scientific advice for the determination of an EU-wide 2040 climate target and a greenhouse gas budget for 2030–2050. DOI: 10.2800/609405.
[30] Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Towards EU climate neutrality, Progress, policy gaps and opportunities, Assessment Report 2024, DOI: 10.2800/216446.

titqiegħed fit-triq it-tajba lejn in-newtralità klimatika. Dawn jinkludu t-tressiq ta' pjanijiet u skedi ta' żmien ċari biex jitneħħew gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili li huma ta' ħsara, il-politiki tal-UE jsiru konsistenti bis-sħiħ mal-ħtieġa li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili, isiru riformi tal-politiki eżistenti tal-UE għall-perjodu ta' wara l-2030 inklużi aġġustamenti addizzjonali għall-EU ETS u l-EU ETS 2, u tal-qafas ġenerali għar-regolamentazzjoni tal-azzjoni klimatika (pereżempju fir-rigward tal-istrateġiji nazzjonali fit-tul) u l-infurzar tal-konformità tal-Istati Membri, l-introduzzjoni ta' politiki ġodda biex jiġi segwit it-tnaqqis aktar ambizzjuż fid-domanda għal prodotti b'emissjonijiet għoljin ta' materjali, enerġija u gassijiet serra, l-allinjament aħjar tal-politika agrikola komuni tal-UE mal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE, l-introduzzjoni ta' xi forma ta' pprezzar tal-emissjonijiet fis-setturi tal-agrikoltura u tal-użu tal-art, u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta u appoġġ pubbliku. Fir-rigward tal-avjazzjoni, il-Bord Konsultattiv jirrakkomanda li l-UE għandha tiżgura li l-istess prezz tal-karbonju japplika għat-titjiriet kollha (inkluż lejn destinazzjonijiet f'pajjiżi terzi). Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-parir tal-Bord Konsultattiv, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u meta tħejji l-qafas ta' politika dwar il-klima għal wara l-2030.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistieden lil kull Stat Membru jistabbilixxi korp konsultattiv nazzjonali dwar il-klima. Mhux l-Istati Membri kollha stabbilew korp bħal dan. Il-Bord Konsultattiv jirrakkomanda li l-istabbiliment tagħhom għandu jkun obbligatorju[31].

### Kontroll tal-konsistenza klimatika

F'Novembru 2021, il-Kummissjoni aġġornat l-istrumenti tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar biex tiżgura li l-politiki l-ġodda tal-Unjoni jkunu konsistenti mal-għanijiet klimatiċi. Il-miżuri kollha proposti tal-Unjoni issa jridu jiġu vvalutati għall-konsistenza tagħhom mal-objettivi klimatiċi – l-objettiv tan-newtralità klimatika u l-objettiv li jiġi żgurat progress fl-adattament – bħala parti mill-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt. Sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni ta' din il-verifika. Fl-2022, mis-26 valutazzjoni tal-impatt meqjusa rilevanti għal din il-valutazzjoni, 19 instabu li vvalutaw biżżejjed il-konsistenza tal-inizjattiva mal-objettivi klimatiċi, filwaqt li 7 valutazzjonijiet tal-impatt ma vvalutawx biżżejjed l-aspetti klimatiċi. Dan jirrappreżenta kważi 73 % tal-każijiet rilevanti u jirrifletti l-fatt li huwa rekwiżit ġdid. Is-sitwazzjoni kompliet titjieb fl-2023. Mis-16-il valutazzjoni tal-impatt meqjusa rilevanti għal din il-valutazzjoni, 13 ivvalutaw biżżejjed il-konsistenza mal-Liġi dwar il-Klima, filwaqt li 3 ma vvalutawx biżżejjed dak l-aspett. Dan jirrappreżenta 81 % tal-każijiet rilevanti u jindika żieda għal dan l-indikatur meta mqabbel mal-2022. B'aktar esperjenza fl-implimentazzjoni tal-verifika tal-konsistenza klimatika u fid-dawl tal-ħtieġa li r-riskji klimatiċi futuri jiġu integrati aħjar fil-politiki kollha, l-operazzjonalizzazzjoni ta' dan ir-rekwiżit il-ġdid tal-valutazzjoni tal-impatt u l-konformità miegħu jistgħu jittejbu aktar. Il-Bord Konsultattiv jirrakkomanda li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod aktar sistematiku l-konsistenza ta' kwalunkwe abbozz ta' miżura jew proposta leġiżlattiva.[32]

### Parteċipazzjoni Pubblika

Stħarriġ tal-opinjoni pubblika fl-UE kollha juri li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-UE huma mħassba dwar it-tibdil fil-klima, jappoġġjaw l-azzjoni tal-UE biex tindirizzah, u qed jieħdu azzjoni huma stess[33].

L-involviment u l-impenn tal-pubbliku, tar-reġjuni, tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati kollha huma kruċjali għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Biex tinforma u tinvolvi liċ-ċittadini dwar it-tibdil fil-klima u l-azzjoni, kif ukoll biex tindirizza d-diżinformazzjoni dwar il-klima, il-Kummissjoni kompliet u tejbet is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali tagħha permezz ta' kanali bħal siti web, midja soċjali u attivitajiet ta' komunikazzjoni mmirati. F'Diċembru 2020, il-Kummissjoni

[31] Imsemmi hawn fuq, il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Towards EU climate neutrality, Progress, policy gaps and opportunities, Assessment Report 2024.
[32] Imsemmi hawn fuq, il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Towards EU climate neutrality, Progress, policy gaps and opportunities, Assessment Report 2024.
[33] Special Eurobarometer on Climate Change, Lulju 2023

nediet il-Patt Klimatiku Ewropew[34] biex tagħti liċ-ċittadini rwol akbar fit-tfassil kemm ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament, u pjattaforma effettiva biex isir dan. Biex tiċċelebra l-ewwel sentejn tal-Patt, fl-2023, il-Kummissjoni organizzat konferenza li laqqgħet flimkien ambaxxaturi, esperti u attivisti tal-Patt Klimatiku. Matul l-avveniment, aktar minn 6 600 parteċipant iddiskutew modi kif tinbena Ewropa aktar sostenibbli għall-futur. Sa Diċembru 2023, aktar minn 750 Ambaxxatur tal-Patt kienu qed jinfurmaw, jispiraw u jappoġġjaw l-azzjoni klimatika fil-komunitajiet u n-networks tagħhom, u tnediet sejħa biex l-organizzazzjonijiet jiġu mistiedna jsiru sħab tal-Patt. Il-Patt daħal ukoll fi sħubijiet ma' kampanji globali li jħeġġu azzjoni individwali dwar it-tibdil fil-klima[35] u organizza avvenimenti u attivitajiet fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri kollha.

F'konformità mar-regoli dwar Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni nediet diversi konsultazzjonijiet pubbliċi u avvenimenti tal-partijiet ikkonċernati, pereżempju biex tiġbor fehmiet dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040. Matul ir-Rendikont Ewropew dwar il-Klima f'Ottubru 2023, dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati ddiskutew il-progress u l-kisbiet lejn l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u kkontribwew għad-diskussjoni fit-tħejjija għar-rendikont globali. Aktar minn 350 persuna ssieħbu fil-konferenza personalment fi Brussell, b'aktar minn 7 400 persuna jsegwu online minn 93 pajjiż madwar id-dinja.

Barra minn hekk, qed iseħħ ukoll djalogu mal-industrija permezz tad-Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Nadifa, u tnieda wkoll Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura mal-bdiewa u atturi oħra fil-katina alimentari dwar il-futur tal-agrikoltura.

Fl-2023, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta li tistabbilixxi l-15 ta' Lulju bħala l-Jum tal-UE għall-Vittmi tal-Kriżi Klimatika Globali. Il-jum annwali se jservi biex jiġu mfakkra l-vittmi fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja kollha u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-passi konkreti li n-nies jistgħu jieħdu fil-livell tagħhom sabiex jgħinu fil-prevenzjoni tad-diżastri klimatiċi, ikunu ppreparati aħjar u jirreaġixxu għalihom.

Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 tipprevedi t-tisħiħ ta' djalogu strutturat u sistematiku mas-sħab soċjali biex jiġu żgurati l-kontribut u l-involviment tagħhom, b'enfasi fuq l-impjiegi, il-ħiliet u t-tranżizzjoni ġusta.

### Pjanijiet direzzjonali settorjali

Mill-Istrateġija Industrijali Aġġornata fl-2021[36], il-Kummissjoni impenjat ruħha ma' diversi ekosistemi industrijali Ewropej biex tħejji "perkorsi ta' tranżizzjoni" settorjali. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni u l-Forum Industrijali tal-UE żviluppaw pjan ta' azzjoni għall-perkorsi ta' tranżizzjoni tal-ekosistemi industrijali[37], li jinkludi wkoll addendum[38] biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għal tranżizzjoni ekoloġika aċċellerata filwaqt li tiġi żgurata diversifikazzjoni akbar tal-provvisti (inkluża l-enerġija), enerġija aktar affordabbli, effiċjenza enerġetika ogħla kif ukoll aktar kontroll fuq il-ktajjen tal-valur strateġiċi, wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna.

Attwalment, il-perkorsi ta' tranżizzjoni[39] tħejjew għall-ekosistemi li ġejjin: it-turiżmu, is-sustanzi kimiċi, il-kostruzzjoni, il-prossimità u l-ekonomija soċjali, it-tessuti, il-mobbiltà, is-settur agroalimentari u l-bejgħ bl-imnut. Perkorsi simili, koperti taħt strateġiji industrijali oħra, jeżistu wkoll għall-industriji intensivi fl-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-saħħa, l-industriji kreattivi u

[34] Is-sit web tal-Patt Klimatiku Ewropew, https://climate-pact.europa.eu/index_en.
[35] Il-kampanja "Count Us In" fl-2020–23 u l-kampanja "Act Now" tan-NU mill-2023.
[36] COM(2021) 350, Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa.
[37] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/49407?locale=mt
[38] https://ec.europa.eu/docsroom/documents/53357?locale=mt
[39] https://single-market-economy.ec.europa.eu/industry/transition-pathways_en

kulturali, id-diġitali u l-elettronika. Qed jitħejjew perkorsi ta' tranżizzjoni dwar l-ekosistemi tas-setturi ajruspazjali u tal-metalli.

Biex tappoġġja d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni impenjat ruħha fl-organizzazzjoni ta' Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Nadifa fl-ogħla livell ma' għadd ta' setturi u l-ktajjen tal-valur tagħhom biex tidentifika ostakli kbar għall-aċċellerazzjoni tal-investimenti tagħhom fid-dekarbonizzazzjoni u kif tista' tissaħħaħ id-dimensjoni industrijali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew b'mod ġenerali. S'issa saru d-Djalogi dwar Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa li ġejjin: L-idroġenu; L-intensità enerġetika; It-teknoloġija nadifa; Il-materja prima kritika; L-infrastruttura relatata mal-Patt Ekoloġiku; Il-foresti u s-sidien tal-forestrija; Il-bliet; L-industrija tal-azzar; Il-mobbiltà nadifa. Għadd ta' setturi fi ħdan ir-raggruppament tal-industriji intensivi fl-enerġija ħarġu Manifesti tad-Dekarbonizzazzjoni settorjali. Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rendikont tad-Djalogi dwar Tranżizzjoni Nadifa qabel il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew f'April ta' din is-sena[40].

Il-kwistjoni sottostanti ewlenija tibqa' d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-enerġija nadifa llum u fil-futur, il-ħolqien ta' swieq għal prodotti tal-ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, il-ħtieġa ta' forza b'aktar ħiliet għat-tranżizzjoni kif ukoll disponibbiltà akbar ta' finanzjament privat u kapital għal appoġġ immirat biex jiżdiedu t-teknoloġiji rivoluzzjonarji u s-swieq emerġenti għad-dekarbonizzazzjoni.

## 3. Tħaddim tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi

Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi jistabbilixxi mira nazzjonali għal kull Stat Membru, għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030, li kollettivament tikkontribwixxi għal tnaqqis ta' 40 % fl-emissjonijiet fil-livell tal-UE meta mqabbel mal-livelli tal-2005. Dawn il-miri huma differenzjati abbażi tal-ġustizzja kif rifless fil-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tal-Istati Membri u l-kosteffettività. Sabiex jintlaħqu l-miri tal-2030, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi jiddefinixxi wkoll il-limiti annwali tal-emissjonijiet, espressi fl-Allokazzjonijiet Annwali tal-Emissjonijiet (AEAs, Annual Emission Allocations) għas-snin 2021 sal-2030.

Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi ġie rivedut bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li żied il-livell ta' ambizzjoni biex jiġi allinjat mal-mira aġġornata għall-2030 li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Ir-Regolament emendat dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b' 40 % fl-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-2005, jiġifieri żieda fil-livell ta' ambizzjoni ta' 11-il punt perċentwali. Il-limiti annwali tal-emissjonijiet saru wkoll konformi mal-livell ta' ambizzjoni miżjud.[41] Ma kien hemm l-ebda bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, li jkompli japplika għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi tat-trasport domestiku (esklużi l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-avjazzjoni), tal-bini, tal-agrikoltura, tal-iskart u tal-industrij żgħar. Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi huwa kkomplementat b'miżuri fil-livell tal-UE biex jgħinu lill-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament bħall-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-karozzi, il-vannijiet[42] u l-vetturi heavy-duty[43], l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni tas-

---

[40] COM(2024) 163

[41] Fl-2023, il-Kummissjoni emendat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2126 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1319 li taġġorna l-AEAs tal-Istati Membri għas-snin 2023–2025. L-AEAs tal-Istati Membri għas-snin 2026–2030 ġew riveduti wkoll iżda għad iridu jiġu stabbiliti wara rieżami komprensiv tal-emissjonijiet tal-Istati Membri skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi fis-snin 2021, 2022 u 2023, li huwa l-punt tat-tluq tal-limiti tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-2026–2030.

[42] Ir-Regolament (UE) 2019/631, ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

[43] Ir-Regolament (UE) 2019/1242, ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202.

$CO_2$ fil-pedaġġi[44], u l-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija[45]. L-Istati Membri jieħdu azzjoni b'politiki u miżuri fil-livell nazzjonali, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi tagħhom.

Biex jappoġġja lill-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom b'mod kosteffettiv, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi jippermetti lill-Istati Membri ċertu livell ta' flessibbiltà biex iqabblu l-emissjonijiet tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi tagħhom mal-AEAs tagħhom maż-żmien u biex xi Stati Membri jikkanċellaw ammont limitat ta' kwoti tal-EU ETS għal ammont ekwivalenti ta' AEAs. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll għadd limitat ta' krediti skont ir-Regolament LULUCF biex jikkonformaw mal-limiti nazzjonali tal-emissjonijiet tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, ħalli jistimulaw azzjoni addizzjonali fis-settur tal-użu tal-art. Il-flessibbiltà hija ogħla għall-Istati Membri b'sehem akbar ta' emissjonijiet mill-agrikoltura.

Kif il-Kummissjoni vvalutat fir-Rapport ta' Progress tagħha tal-2023 dwar l-Azzjoni Klimatika, abbażi tad-*data* tal-inventarju tal-gassijiet serra u tal-projezzjonijiet tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, fil-livell tal-UE mistenni surplus fl-AEAs fl-ewwel snin li jopera r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. L-emissjonijiet stmati skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi huma 3,3 % taħt il-limitu tal-emissjonijiet aggregati tal-Istati Membri fl-2021 u 2 % fl-2022. [46] Filwaqt li għall-2023 huwa mistenni surplus żgħir tal-AEAs, mistenni deficit fis-snin ta' wara. Għalhekk jista' jkun hemm biss ammont limitat ta' AEAs disponibbli għall-kummerċ bejn l-Istati Membri. Matul il-perjodu 2021–2030, huwa pproġettat deficit kumulattiv tal-AEAs mill-2027.

Il-flessibbiltajiet jistgħu jgħinu lil xi Stati Membri jneħħu jew inaqqsu d-distakk bejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-limiti tal-emissjonijiet projettati tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Peress li l-flessibbiltà bejn ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u r-Regolament LULUCF taħdem fiż-żewġ direzzjonijiet, l-azzjonijiet tal-Istati Membri fis-settur tal-art jistgħu jikkontribwixxu kemm b'mod negattiv kif ukoll pożittiv għall-kapaċità tagħhom li jilħqu l-miri tagħhom. Filwaqt li l-flessibbiltajiet huma disponibbli, meħtieġa aktar azzjoni biex jintlaħaq l-objettiv għall-2030 tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Ir-rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika wera li t-tnaqqis previst tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi jilħaq 32 % sal-2030, meta mqabbel mal-livelli tal-2005, li jħalli distakk sostanzjali għall-mira ta' 40 %. B'mod parallel, l-Istati Membri qed jaġġornaw il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs, National Energy and Climate Plans) tagħhom biex iġibuhom konformi mal-objettivi aġġornati dwar l-enerġija u l-klima. Dan jinkludi l-allinjament tal-NECPs aġġornati tagħhom mal-miri aġġornati tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi. L-abbozzi tal-NECPs aġġornati tal-Istati Membri kienu dovuti sat-30 ta' Ġunju 2023 u l-NECPs aġġornati finali għandhom jitressqu sat-30 ta' Ġunju 2024.

L-abbozzi tal-NECPs aġġornati juru xi titjib meta mqabbel mar-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika bi tnaqqis previst fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jilħaq it-33,8% sal-2030, iżda xorta

[44] Id-Direttiva 1999/62/KE, ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42.
[45] Pereżempju, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (id-Direttiva (UE) 2018/2001), id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (id-Direttiva (UE) 2023/1791) u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (id-Direttiva 2010/31/UE).
[46] L-emissjonijiet tal-2021 huma bbażati fuq ir-rapporti finali tal-inventarju u l-emissjonijiet tal-2022 huma bbażati fuq rapporti approssimati tal-inventarju u l-kalkolu tal-EEA tal-emissjonijiet tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. L-emissjonijiet finali tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi għall-2021 u l-2022 se jiġu ddeterminati biss wara rieżami komprensiv fl-2027.

jħalli diskrepanza sinifikanti għall-mira ta' 40 % fil-livell tal-UE.[47] Peress li l-miri aġġornati skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi ġew miftiehma biss fi tmiem l-2022, l-Istati Membri xorta jistgħu jaġġornaw il-projezzjonijiet tagħhom u jistabbilixxu politiki u miżuri addizzjonali biex jirriflettu ż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni u biex l-UE tilħaq il-mira tagħha għall-2030 skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Abbażi tal-abbozz tal-NECPs aġġornati, il-Kummissjoni tat rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għal titjib fl-NECPs aġġornati finali tagħhom. Il-Kummissjoni rrakkomandat lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki u miżuri addizzjonali suffiċjenti ħalli jeliminaw il-lakuna fl-ilħuq tal-miri tal-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Il-Kummissjoni enfasizzat in-nuqqas ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fil-qasam tal-bini u t-trasport, u appellat għal aktar azzjoni mill-Istati Membri f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni nnotat li ftit Stati Membri biss qiesu l-ETS il-ġdida li tkopri l-bini u t-trasport bit-triq, li se tibda' titħaddem fl-2027 (ETS 2 kif spjegat fit-taqsima 4 hawn taħt), fit-tnaqqis previst tagħhom tal-emissjonijiet għall-2030. Kif spjegat hawn taħt, l-ETS 2 se tgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Fil-livell tal-UE, l-emissjonijiet agrikoli ġenerali ilhom stabbli mill-2010. Il-projezzjonijiet tal-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima juru stampa aktar diversifikata. L-emissjonijiet agrikoli mbassra jidhru li qed jonqsu bil-mod ħafna, u se jkunu meħtieġa aktar sforzi.

Il-miri għall-kondiviżjoni tal-isforzi fl-UE kollha huma stabbiliti f'konformità mal-mira intermedja tal-UE stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 li min-naħa tagħhom huma konformi mal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.[48] Il-komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 bdiet id-djalogu dwar il-perkors it-tajjeb għall-2040 u n-newtralità klimatika sal-2050. Il-ħtieġa għal politiki u miżuri addizzjonali konkreti tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ fil-gassijiet serra mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha lejn dik il-mira, inkluż fir-rigward tal-miri nazzjonali, se tiġi eżaminata wara li tkun ġiet stabbilita l-mira klimatika għall-2040.

## 4. Direttiva dwar l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

L-EU ETS ġiet riveduta wkoll bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", u ġiet allinjata mal-mira aġġornata għall-2030 li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, titwessa' l-applikazzjoni tagħha u jiżdied il-livell tagħha ta' tnaqqis fl-emissjonijiet.

Sabiex jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet b'mod kosteffettiv, l-EU ETS issaħħet u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ġie estiż għat-trasport marittimu u għall-emissjonijiet addizzjonali mill-avjazzjoni. B'kollox, il-limitu massimu tal-emissjonijiet sar aktar strett biex l-emissjonijiet jitnaqqsu bi 62 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2005. B'mod parallel, il-parametri operazzjonali tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq (MSR, Market Stability Reserve) stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-

[47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-abbozz tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima aġġornati. Pass importanti lejn l-objettivi aktar ambizzjużi għall-2030 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pjan RePowerEu. COM(2023) 796 final, 18.12.2023.

[48] Fit-18 ta' Lulju 2023, il-Polonja bdiet kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tikkontesta l-legalità tar-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (Kawża C-451/23). Fit-23 ta' Awwissu 2023, Global Legal Action Network clg, u Climate Action Network Europe asbl ippreżentaw talba quddiem il-Kummissjoni għal rieżami intern tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1319, f'konformità mar-Regolament ta' Aarhus. Fid-29 ta' Novembru 2023, wara evalwazzjoni ddettaljata tar-rieżami, il-Kummissjoni kkomunikat lill-applikanti li t-talba hija infondata.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ġew ikkalibrati biex ikompli jitrawwem suq tal-karbonju tal-UE bbilanċjat. Prinċipalment, tinżamm ir-rata ta' inkorporazzjoni tal-MSR ta' 24 % u l-limitu ta' invalidazzjoni huwa stabbilit għal 400 miljun kwota. Il-mekkaniżmu tar-rata ta' inkorporazzjoni huwa adattat ukoll sabiex inaqqas l-effetti tal-livell limitu. Meta l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC, total number of allowances in circulation) ikun bejn 833 u 1 096 miljun kwota, il-mekkaniżmu tar-rata ta' inkorporazzjoni ma jiġix attivat; minflok, jitnaqqas sehem iżgħar ta' kwoti mill-volumi tal-irkant u dan jitqiegħed fir-Riżerva. Barra minn hekk, għall-emissjonijiet mill-2024, id-domanda netta mill-avjazzjoni hija inkluża fil-kalkolu tat-TNAC. Il-miżuri fil-każ ta' fluttwazzjonijiet eċċessivi fil-prezzijiet fl-Artikolu 29a issaħħu wkoll.

Biex jgħinu fl-avvanz tad-dekarbonizzazzjoni settorjali, ġew adattati r-regoli dwar l-allokazzjoni bla ħlas. Dan jinkludi rekwiżiti ta' kundizzjonalità għall-installazzjonijiet tal-industrija biex jaċċessaw l-allokazzjoni bla ħlas (fil-forma ta' awditi tal-enerġija u għal ċerti installazzjonijiet, pjanijiet ta' newtralità klimatika) u eliminazzjoni gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas fis-settur tal-avjazzjoni. 20 miljun kwota se jintużaw biex jappoġġjaw l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli għall-avjazzjoni minn titjiriet koperti mill-EU ETS.

Barra minn hekk, fis-setturi industrijali intensivi fl-enerġija għall-produzzjoni ta' ċerti oġġetti (siment, aluminju, fertilizzanti, elettriku, idroġenu, ħadid u azzar, kif ukoll xi prekursuri u għadd limitat ta' prodotti downstream), l-allokazzjoni bla ħlas se titneħħa gradwalment. Dan huwa dovut għall-introduzzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) bir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jkopri dawn l-oġġetti biex jittaffa r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hekk kif l-UE ssaħħaħ l-ambizzjoni klimatika tagħha.

It-trasport marittimu huwa sors kbir u li qed jikber ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, li jiġġenera madwar 3–4 % tal-emissjonijiet totali tas-$CO_2$ tal-UE (aktar minn 124 miljun tunnellata ta' $CO_2$ fl-2021) meta jitqiesu l-emissjonijiet kollha mill-vjaġġi lejn l-UE u minnha[49]. L-inklużjoni tiegħu fl-EU ETS tiżgura li s-settur jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi tal-UE. Skont id-Direttiva riveduta dwar l-ETS, l-EU ETS tkopri l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu minn Jannar 2024. Inizjalment, din tikkonċerna biss l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u mbagħad l-emissjonijiet tas-$CH_4$ (metan) u tal-$N_2O$ mill-2026. L-emissjonijiet mill-bastimenti l-kbar kollha (ta' tunnellaġġ gross ta' 5 000 u aktar) li jidħlu fil-portijiet tal-UE huma inklużi, fuq bażi newtrali għall-bnadar, fir-rigward ta':

- 50 % tal-emissjonijiet minn vjaġġi li jibdew jew jintemmu barra mill-UE (bi previżjoni tad-deċiżjonijiet minn pajjiżi terzi dwar azzjoni xierqa għas-sehem li jifdal tal-emissjonijiet);
- 100 % tal-emissjonijiet li jseħħu bejn żewġ portijiet tal-UE u meta l-vapuri jkunu fil-portijiet tal-UE.

Sabiex jiġi stimulat it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet fil-bini, fit-trasport bit-triq u f'setturi addizzjonali (prinċipalment l-industrija żgħira mhux koperta mill-EU ETS eżistenti), ġiet introdotta sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-fjuwils maħruqa f'dawn is-setturi (ETS 2). L-ETS 2 se tikkomplementa politiki oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fis-setturi koperti, u tgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis fl-emissjonijiet skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. S'issa, it-tnaqqis fl-emissjonijiet f'dawk is-setturi ma kienx biżżejjed biex ipoġġi lill-UE fit-triq it-tajba lejn l-għan tagħha li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050. L-approċċ komplementari tal-ETS 2 u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi jżomm inċentivi għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq u l-inċentivi opposti, filwaqt li jinċentivaw it-tnaqqis kosteffettiv fl-emissjonijiet. Il-prezz tal-karbonju stabbilit mill-ETS 2 se jipprovdi inċentiv ulterjuri tas-

[49] Ir-Rapport tal-Kummissjoni – Ir-Raba' Rapport Annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ Emissions mit-trasport marittimu (perjodu 2018–2021), 13.3.2023 (SWD(2023) 54 final).

suq għall-investimenti fir-rinnovazzjonijiet tal-bini u l-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi. Għalkemm hija sistema ta' "limitu u skambju" bħall-EU ETS eżistenti, l-ETS 2 se tkopri l-emissjonijiet upstream, filwaqt li tirregola l-fornituri tal-fjuwil aktar milli l-konsumaturi. L-ETS 2 se tibda topera mill-2027 u d-disinn tagħha fih diversi karatteristiċi biex jiġi żgurat li tkun tista' tiffunzjona b'mod ordnat, bla xkiel u effiċjenti mill-bidu nett. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet jibdew diġà fl-2025.

Parti mid-dħul mill-irkant tal-kwoti tal-emissjonijiet fl-ETS 2 se jipprovdi l-Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jindirizza l-impatti soċjali li jirriżultaw mis-sistema l-ġdida fuq il-gruppi vulnerabbli fl-UE. Flimkien mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, il-Fond Soċjali għall-Klima se jimmobilizza EUR 86,7 biljun mill-2026 sal-2032.

Biex jgħinu lis-setturi jindirizzaw l-isfida tad-dekarbonizzazzjoni, ġew sfruttati aktar riżorsi mill-qafas tal-ETS għat-tranżizzjoni ekoloġika. Kemm il-Fond għall-Innovazzjoni kif ukoll il-Fond għall-Modernizzazzjoni żdiedu. It-tnejn huma ffinanzjati mill-EU ETS. Sabiex jiġi rikonoxxut il-kontribut sinifikanti tad-dħul mill-EU ETS għat-tranżizzjoni klimatika, u tittejjeb l-aċċettabbiltà pubblika, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jiżguraw li jiġi indikat b'mod ċar meta l-appoġġ jiġi mid-dħul tal-EU ETS, bħal pereżempju mill-Fondi għall-Innovazzjoni u għall-Modernizzazzjoni. Riżorsi addizzjonali taħt il-Fond għall-Innovazzjoni se jappoġġjaw teknoloġiji rivoluzzjonarji għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-setturi marittimi u dawk soġġetti għas-CBAM, u issa jistgħu jingħataw ukoll permezz ta' proċeduri kompetittivi ta' offerti b'mod partikolari biex jiżdiedu l-proċessi u t-teknoloġiji innovattivi, bil-ħsieb tal-introduzzjoni wiesgħa tagħhom fl-UE. Riżorsi addizzjonali taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni se jgħinu biex jiffinanzjaw it-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija fl-10 Stati Membri benefiċjarji oriġinali, flimkien mal-Greċja, il-Portugall u s-Slovenja.

Fl-aħħar nett, mill-5 ta' Ġunju 2023, l-Istati Membri huma meħtieġa jonfqu d-dħul kollu mill-ETS eżistenti u l-ETS2 (jew il-valur finanzjarju ekwivalenti tagħhom) għal aktar azzjoni klimatika, trasformazzjoni tal-enerġija u tranżizzjoni ġusta, f'konformità mal-iskopijiet elenkati fl-Artikoli 3ga (3), 10 (3) u 30d (6) tad-Direttiva dwar l-ETS.

Il-biċċa l-kbira tal-bidliet deskritti isiru effettivi mill-1 ta' Jannar 2024 jew mill-bidu tat-tieni perjodu ta' allokazzjoni bla ħlas (2026–2030), iżda xi wħud japplikaw mid-dħul fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2023 tad-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li temenda d-Direttiva dwar l-ETS. Diversi atti delegati u ta' implimentazzjoni li huma essenzjali għall-funzjonament tal-EU ETS ġew emendati jew jinsabu fil-proċess li jiġu emendati biex jiġu implimentati l-bidliet introdotti mid-Direttiva (UE) 2023/959.

Kif ġie konkluż fil-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, l-ambizzjoni akbar li ġiet stabbilita fl-EU ETS f'konformità mal-mira aġġornata għall-2030 se tinkiseb biss jekk il-qafas legali jiġi implimentat b'mod preċiż, filwaqt li jiġu evitati bidliet ulterjuri li jistgħu jiġġeneraw instabbiltà għall-investimenti li jseħħu fis-setturi soġġetti għall-EU ETS. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi tmien elementi kostitwenti biex tintlaħaq il-mira għall-2040. L-EU ETS hija għodda ta' politika ewlenija ta' ħamsa minn dawn l-elementi kostitwenti: (i) Sistema tal-enerġija reżiljenti u dekarbonizzata għall-bini, it-trasport u l-industrija tagħna; (ii) Rivoluzzjoni industrijali bil-kompetittività bbażata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, iċ-ċirkolarità, l-effiċjenza fir-riżorsi, id-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-manifattura tat-teknoloġija nadifa fil-qalba tagħha; (iii) Infrastruttura li twassal, tittrasporta u taħżen l-idroġenu u s-$CO_2$; (iv) Il-politika dwar il-klima bħala politika ta' investiment; u (v) Il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-politiki soċjali fil-qalba tat-tranżizzjoni. Parti minn dawn l-elementi kostitwenti hija marbuta mill-qrib mal-elementi tad-Direttiva dwar l-EU ETS li se jkunu soġġetti għal rieżami sa Lulju 2026.

Il-ħtieġa għal politiki u miżuri addizzjonali konkreti tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ tal-gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lejn il-mira klimatika għall-2040, inkluż fir-rigward tal-EU ETS u l-fattur lineari ta' tnaqqis tagħha stabbilit fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-ETS, se tiġi eżaminata wara li tkun ġiet stabbilita l-mira klimatika għall-2040.

## 5. Konklużjonijiet

Għalkemm il-Liġi Ewropea dwar il-Klima għadha fl-istadji bikrija tal-implimentazzjoni, it-tnaqqix tal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050 fil-leġiżlazzjoni u l-previżjoni ta' progress kontinwu fl-adattament stabbilew id-direzzjoni fit-tul tal-ivvjaġġar u wasslu għal aktar prevedibbiltà fl-investiment. Ittieħdu ħafna azzjonijiet mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Klima 'l hawn, kif deskritt f'dan ir-rapport. Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u d-Direttiva dwar l-ETS ġew riveduti bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", u ġew allinjati mal-mira aġġornata għall-2030 li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 %, stabbilita fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u ġew adottati inizjattivi addizzjonali biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, l-istabbiltà u l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas leġiżlattiv fis-seħħ biex jintlaħqu l-miri għall-klima u l-enerġija għall-2030 huma prekundizzjoni biex l-UE tibqa' fit-triq lejn il-mira għall-2040 fit-triq lejn in-newtralità klimatika fl-2050 u tisfrutta l-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni. Il-Komunikazzjoni tniedi l-proċess biex tiġi stabbilita l-mira klimatika għall-2040 għall-UE. Dan jiftaħ dibattitu politiku dwar l-għażliet għaċ-ċittadini u l-gvernijiet Ewropej dwar it-triq 'il quddiem, filwaqt li jinforma lill-Kummissjoni li jmiss meta tagħmel il-proposta leġiżlattiva biex tinkludi l-mira tal-2040 fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u tfassal il-qafas ta' politika xieraq għal wara l-2030.

B'mod parallel, għaddejja azzjoni biex tittejjeb il-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif meħtieġ mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi tenfasizza azzjonijiet ewlenin għall-UE u għall-Istati Membri biex jantiċipaw, jifhmu u jimmaniġġjaw aħjar ir-riskji klimatiċi li qed jiżdiedu, b'mod partikolari biex tiġi ċċarata s-sjieda tar-riskju. Tipprovdi rispons robust u f'waqtu għall-periklu ċar u attwali ta' aktar diżastri klimatiċi, u tenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati l-politiki eżistenti. Il-Kummissjoni se taqsam l-esperjenza, l-għarfien u l-għodod tal-UE internazzjonalment u se tkompli taħdem mal-Istati Membri, mal-pubbliku, man-negozji u ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE biex iżżid it-tħejjija u r-reżiljenza tas-soċjetà u l-ekonomija tal-UE.